MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 623/2003

**Mildred MARMARA**

**vs**

**Carmel sive Charles CHETCUTI**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-20 ta' Ġunju, 2003, li bih l-attriċi wara li ppremettiet:

Illi permezz ta' skrittura privata datata sebgħa (7) ta' Jannar 2003, Carmel Chetcuti obbliga ruħu sabiex sal-jum tal-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2003 huwa jkun informa lill-Avukat Dottor Michael Tanti Dougall personalment jekk nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2003 kienx sejjer (i) jew iħallas lill-attriċi s-somma ta' sittax-il elf lira maltin (Lm16,000), rappreżentanti depożitu magħmul mill-attriċi

favur il-konvenut, oltre l-imgħax fuq l-istess u l-ispejjeż legali, (ii) jew altrimenti jidħol f'konvenju ieħor mal-attriċi fir-rigward ta' appartament li jġib in-numru wieħed (1) fil-korp ta' bini magħruf bħala "Tides", Qawra Point, Qawra, liema skrittura qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "A";

Illi l-konvenut naqas milli jagħti, sal-jum tal-10 ta' Jannar 2003, l-informazzjoni lill-Avukat Dottor Michael Tanti Dougall kif kien effettivament obbliga ruħu li jagħmel l-istess konvenut;

Illi inoltre, l-konvenut naqas milli jħallas lill-attriċi s-somma ta' sittax-il elf lira maltin (Lm16,000) jew li jidher konvenju, kif kien effettivament obbliga ruħu li jagħmel istess konvenut ai termini tal-imsemmija skrittura;

Illi għalkemm il-konvenut wiegħed aktar minn darba lill-attriċi li kien ser iħallas l-ammont dovut, dan naqas milli jonora l-ħlas;

Illi minkejja li l-konvenut ġie debitament interpellat permezz ta' ittra uffiċjali tad-9 t'April 2003 sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' sittax-il elf lira maltin (Lm16,000), il-konvenut naqas milli jagħmel dan;

Għaldaqstant jgħid il-konvenut għaliex, għar-ragunijiet premessi u dispensat is-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut baqa' inadempjenti fl–obbligi illi huwa assuma ai termini tal-iskrittura privata tas-7 ta' Jannar 2003;

2. Tiddikjara lill-konvenut Carmel sive Charles Chetcuti debitur favur l-attriċi Mildred Marmara fis-somma ta' Lm16,000;

3. Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm16,000;

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk notarili, dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 t'April 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru oltre l-imgħax legali skond l-iskrittura tas-7 ta' Jannar 2003 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tal-attriċi;

Semgħet l-Avukat tal-attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tal-konvenut tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-konvenut baqa' inadempjenti fl–obbligi illi huwa assuma ai termini tal-iskrittura privata tas-7 ta' Jannar 2003;

2. Tiddikjara lill-konvenut Carmel sive Charles Chetcuti debitur favur l-attriċi Mildred Marmara fis-somma ta' Lm16,000;

3. Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm16,000;

U bl-ispejjeż, inkluzi dawk notarili, dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 t'April 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru oltre l-imgħax legali skond l-iskrittura tas-7 ta' Jannar 2003 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------